



BANK ĊENTRALI EWROPEW

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tat-30 ta' Lulju, 2004**

**Ill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja dwar l-audituri esterni tal-Banca d'Italia  
(BĊE/2004/17)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropeja.
- (2) Il-mandat ta' l-audituri esterni attwali tal-Banca d'Italia skada u mhux se jiġġedded. Jinħtieġ għalhekk li jitqabbdaw awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2004.
- (3) Il-Banca d'Italia għażel l-audituri esterni l-ġoddha skond ir-regoli dwar l-ingaġġ fis-settur pubbliku applikabbli għaliex, u l-BĊE jikkunsidra li dawn l-audituri jissodisfaw il-kundizzjonijiet neċċessarji.
- (4) Il-mandat ta' l-audituri esterni l-ġoddha sejkun għal tliet snin u jista' jiġġedded,

**ADDOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:**

PricewaterhouseCoopers SpA huma rrikkmandati bħala l-audituri esterni tal-Banca d'Italia mis-sena finanzjarja 2004 għal perjodu li jiġġedded ta' tliet snin.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-30 ta' Lulju, 2004.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET